# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 239/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Justin Rocco**

Illum id-9 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Justin Rocco**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 27992(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Ottubru 2015 għall-ħabta ta' 06:15hrs fi Triq it-Tlieta u Għoxrin t'April, Qormi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBT 987 ta' l-għamla Peugeot:

1. b'manjiera traskurata;

2. b'manjiera bla kont;

3. fl-istess data, lok u ħin b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Michelina Cassar skont kif iċċertifikat Dr. Maria Tabone (MD 3609) mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni b'dan illi l-ewwel (1) imputazzjoni hija għall-fini ta' piena assorbita fit-tielet (3) imputazzjoni u, wara li rat Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu erba' mitt Euro (€400) multa u tmint ijiem sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan b'effett minn nofsilejl ta' dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2018 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata billi: (1) Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni (2) akkuża; u (2) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkużi, u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li din il-Qorti fliet l-atti proċesswali kollha rriżultalha li jkun opportun li tqajjem punt proċedurali *ex officio.*

Illi jirriżulta li fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 18), il-Prosekuzzjoni talbet lill-Ewwel Qorti sabiex ikun hemm bdil fit-tielet (3) imputazzjoni fis-sens li minn offiża ta' "natura ħafifa" ssir ta' "natura gravi", liema talba ġiet milqugħa dakinhar stess. Għandu jingħad li minkejja li saret din il-bidla dwar in-natura tal-offiża ma saret l-ebda korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1) b'dan illi ċ-ċitazzjoni msemmija baqgħet taqra "natura ħafifa".

Illi skont Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jirrigwarda l-offiża gravi fuq il-persuna, il-piena fi żmien li sar l-allegat reat kienet iġorr magħha minn tliet xhur sa tliet snin priġunerija. Għal kull buon fini jingħad li llum bl-emendi tal-Att XIII tal-2018 din saret minn sena sa seba' snin priġunerija.

Illi għandu jingħad ukoll li bl-emendi li saru b'Att VIII tal-2015 il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati telgħet minn sitt xhur għal sentejn u li ġialadarba l-offiża saret waħda gravi minn waħda ħafifa, allura dan ifisser li din hija 'l fuq mill-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati minħabba li l-kompetenza, skont Artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija dik ta' sentejn.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, għandu jingħad ukoll li minn riferenza lejn is-sentenza appellata (*a fol.* 57 *et seq.*) jirriżulta li meta l-Ewwel Qorti niżżlet l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat kien ġie akkużat bih quddiemha, fit-tielet (3) imputazzjoni hemm miktub li "involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa" mentri aktar tard fis-sentenza, eżatt qabel id-decide, l-Ewwel Qorti qalet: *"din il-Qorti tikkonkludi li l-*

*Prosekuzzjoni ppruvat li Michelina Cassar sofriet offiżi fuq il-persuna tagħha u li dawn kienu ta' natura gravi"* (*a fol.* 62).

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, hemm lok li din il-Qorti tiddikjara l-proċeduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż is-sentenza appellata, bħala nulli. Bħal ma għamlet din il-Qorti diversament preseduta minħabba raġunijiet differenti fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Debono** (Numru 92/2003), din il-Qorti ser tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddikjara l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti nkluż is-sentenza appellata nulli u, biex ma ċċaħħadx lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**